TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

David Grech

vs

Global Tech Malta (KSL Ltd - C59646).

CCT 63/22/MS

7 ta' Dicembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fis-27 ta' Mejju 2022 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata/azjenda intimata thallasha s-somma ta' tlett elef seba' mija u hamsin euro, depozitu imhallas ghal sistema ta' panelli PV liema sistema qatt ma giet konsenjata u dan minkejja diversi weghdiet. Ir-rikorrent talab li l-kuntratt jigi terminat u d-depozitu rifuz lilu bl-imghaxijiet u l-ispejjes.

Ra r-risposta tal-azjenda/socjeta' intimata fejn eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrent kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kwalunkwe nuqqas huwa imputabbli lill-esponent u kwindi d-depozitu mhuwiex rifondabbli.

Ra illi hadd ma deher ghas-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-2 ta' Settembru 2020, ir-rikorrent dahal f'kuntratt mal-azjenda intimata ghal sistema ta' panelli. Fit-28 ta' Mejju 2021 thallas depozitu akkont tas-sistema lil KSL Ltd, pero' minn dakinhar qatt ma semghu xejn fuq l-installazjoni u s-sistema baqghet qatt ma giet konsenjata u installata.

It-Tribunal ra l-korrispondenza kollha esebita u l-emails li ntbghatu fix-xahar ta' Gunju

2021 mir-rikorrent u l-mara tieghu fejn jidher car daqs il-kristall li r-rikorrenti ghandhom ragun fit-talba taghhom. Kuntrarjament ghal dak li qalet is-socjeta' intimata fir-risposta taghha (li qatt ma giet konfermata bil-gurament), it-tort u n-nuqqas ma kienx gej min-naha tar-rikorrent. L-azjenda intimata baghtet messagg fl-20 ta' Lulju 2021 fejn skuzat ruhha ghad-dewmien. Illi nonostante dan, fis-26 Awwissu 2021 il-pannelli kienu ghadhom ma gewx installati u r-rikorrent u l-maru tiebhu regghu baghtu email lil Stephanie Caruana peress illi kienu inkwetati li l-*grant* kien ser jerga' jiskadi. Kien hemm diversi emails u weghdiet fix-xahar ta' Settembru 2021 u anke f'Novembru. Fl-4 ta' Jannar 2022 il-mara tar-rikorrent baghtet email lil Diane Debono fejn tat ultimatum sal-ahhar tal-gimgha. Ma kien hemm l-ebda risposta min-naha tas-socjeta' intimata u kien hemm emails ohra li ntbaghtu fl-10 ta' Jannar u 11 ta' Jannar 2022 min-naha tar-rikorrent. Pero' s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti.

Apparti l-fatt illi s-socjeta' intimata ma dehritx quddiem it-Tribunal biex taghti x-xiehda taghha, li jkompli jikkorrobora l-versjoni tar-rikorrent dwar l-attegjament xejn professjonali tas-socjeta' intimata, it-Tribunal m'ghandux dubju minn dak kollu li xehdu ir-rikorrent u l-mara tieghu, u t-talba tisthoqq li tigi akkolta fl-intier taghha.

Wara lil ra wkoll l-artikolu 12.01 tal-AL 378.01 u l-artikolu 74 tal-Kap 378, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ghandu d-dritt li jittermina l-kuntratt u jiehu lura d-depozitu li hallas.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent, jittermina l-kuntratt bejn il-partijiet u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' tlett elef seba mija u hamsin euro (€3,750.00), bl-imghaxijiet u l-ispejjes skond il-ligi.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru